# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 87/2014**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Philip Cutajar**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Philip Cutajar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 458844(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bħala direttur tal-kumpanija Kidsline Limited (C 25614) għas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni

waħda naqas li jibgħat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 kif ukoll fir-Regoli tal-1998 dwar Final Settlment System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa *ai termini* tal-hawn fuq imsemmi Artikolu 23 naqas milli jħares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar 2014, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll r-Regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu tirreferi għan-nuqqasijiet tas-socjeta Kidsline Limited mis-sena 2000 sas-sena 2005 u kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800) u multa addizjonali ta' erbgħa Euro (€4.00) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza. Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta li jekk fi żmien ħames snin jerġa' jinstab ħati ta' xi reat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tingħata sentenza, b'żieda ma' kull piena oħra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija, u jekk misjub ħati għat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija ħames snin, minkejja kull disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni oħra, jingħata sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'żieda ma' kull piena oħra ħlief għal priġunerija għal żmien itwal.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar is-sentenza appellata fl-intier tagħha billi tiddikjara r-reat imputat preskritt"* u sabiex: *"tillibera lill-appellant minn kull ħtija imputata lilu permezz tas-sentenza appellata."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat id-digriet (*a fol.* 144 *et seq.*) mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Diċembru 2015 fejn ġiet miċħuda talba sabiex jiżdied aggravju ieħor.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulent legali tal-appellant għamel sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi waqt is-sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-Prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li lejn it-tmiem tar-Rikors tal-appell l-appellant isemmi s-sentenza **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar** mentri l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri huwa mis-sentenza **Il-Pulizija vs. Philip Cutajar**. Jirriżulta wkoll li l-Qorti diversament preseduta semgħet lid-difiża tissottometti li dan kien *lapsus calami* għaliex kienu qegħdin jinkitbu żewġ Rikorsi tal-appelli fl-istess ħin. Il-Qorti tinnota li taħt l-okkju fir-Rikors tal-appell hemm in-numru tar-riferenza tal-każ u ċioè 747911/10/02/01 u għalhekk dak li jidher miktub fl-aħħar parti tar-Rikors promotorju huwa tassew żball li m'għandux iwassal għan-nullita' tal-appell.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jissottometti li r-riżenja spontanja mhix l-uniku mezz biex direttur jieqaf ikun direttur. Jisħaq li l-istralċ huwa alternattiva oħra fejn id-direttur fil-liġi ma jkunx aktar direttur u ma jkollux aktar setgħat esekuttivi. Issir riferenza għall-fatt li fit-22 ta' Frar 2007 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat ix-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' Kidsline Limited u mnominat lil Dr. Andrew Borg Cardona bħala stralċjarju li rriżenja

mill-kariga f'Ottubru 2009. L-appellant jgħid li l-istralċ tas-soċjeta' msemmija qatt ma tlesta u la hu u lanqas l-eks-diretturi l-oħrajn ma reġgħu qatt okkupaw ir-rwol ta' diretturi. Jisħaq li fil-mori tal-kawża sar tentattiv sabiex tiġi transatta l-vertenza, liema fatt ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni dwar l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu dana minħabba li kien id-Dipartment innifsu li stieden il-kumpanija li kienu f'sitwazzjoni analoga bħal dik tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju proprju huwa dwar il-preskrizzjoni. L-appellant jisħaq li r-reat huwa kompost minn żewġ elementi: (a) li ma ddaħħlux id-dokumenti u l-pagamenti relattivi u (b) li dan sar minnu li kien uffiċjal tas-soċjeta' u allura kellu din l-obbligazzjoni legali. Jgħid li l-Prosekuzzjoni ressqet provi dwar li ma ddaħħlux il-formoli u l-ħlasijiet rikjesti u li tressqu wkoll provi li hu (l-appellant) kien direttur tas-soċjeta' Kidsline Limited. Jisħaq pero' li ma ġiex kontradett il-fatt li mit-22 ta' Frar 2007 sal-lum l-appellant ma kellu ebda rwol fis-soċjeta' msemmija. Huwa jissottometti li wara l-ħatra tal-istralċjarju r-reat kontinwat ma setax jibqa' jissussisti u b'hekk ma baqax jissussisti t-tieni element u dana stante li r-reat qatt ma jista' jiġi kkunsidrat bħala kontinwat jekk iż-żewġ elementi ma jibqgħux jissussistu. Hawn irrefera għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 1960 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Spiteri** li qalet li l-istess reat ma jiġix eżawrit imma jibqa' fis-stat ta' konsumazzjoni sakemm jibqa' fil-poter tal-aġent li jwaqqaf l-istat anti-ġuridiku. Jgħid li l-ħatra ta' stralċjarju tiddivesti lid-diretturi mir-responsabilitajiet tagħhom u li hu (l-appellant) ma setax jagħmel il-ħlasijiet iżda kien jista' jidħol fl-inkwiet jekk jagħmel dan u għalhekk kien biss tenut iwieġeb għar-reat li ssussista tul tul il-perjodu meta kien direttur effettiv tas-soċjeta', bil-poteri u l-funzjonijiet kollha ta' tali kariga u li skont l-imputazzjoni dan il-perjodu jikkonsisti mis-sena 2000 sas-sena 2005. L-appellant jirreferi wkoll għal sentenza oħra u jikkwota minnha. Jeċċepixxi li l-azzjoni kriminali hija preskritta bit-trapass ta' sentejn ċioè mit-22 ta' Frar 2007.

Illi t-tieni aggravju huwa li jekk l-obbligu legali baqa' viġenti wara n-nomina tal-istralċjarju, l-appellant kien fl-impossibilita' li

jottempora ruħu mal-liġi. L-appellant jgħid li r-raġuni hija li kienet saret serqa mill-proprjeta' tas-soċjeta' bit-telf tad-dokumentazzjoni kollha u tal-kompjuters relattivi. Jgħid li dan kollu jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija minn Raymond Cutajar u li għalhekk kien fl-impossibilita' li jiddepożita d-dokumenti neċessarji u jivverifika x'pagamenti kien hemm pendenti u li jsegwi li *ad impossibilia nemo tenetur*.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aggravji hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appellant, il-Qorti tagħmel riferenza għad-digriet (*a fol.* 144 *et seq.*) mogħti fl-10 ta' Diċembru 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn ġiet miċħuda talba sabiex jiżdied aggravju ieħor u dana minkejja li fis-sottomissjonijiet ulterjuri li saru fis-26 ta' Jannar 2023 quddiem din il-Qorti kif preseduta l-konsulent legali tal-appellant qal li dan l-aggravju ġie milqugħ u mbagħad qal ried ikun ċert li dan daħal u ġie aċċetat. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li mhux minnu dak li ngħad mill-istess konsulent legali tal-appellant fl-istess sottomissjonijiet ulterjuri meta qal li din it-talba sabiex jiżdied aggravju addizzjonali dwar il-piena saret wara peress li s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Cutajar** (Numru 104/2012) mogħtija fil-11 ta' Frar 2013 minn din il-Qorti diversament preseduta saru jafu biha wara u li hekk kif ġew a konjizzjoni tagħha għamlu l-appell. Il-Qorti tgħid dan minħabba li t-talba sabiex jiżdied aggravju dwar il-piena ġiet ippreżenatata fit-13 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 120 *et seq.*) (ma' liema Rikors ġiet eżebita s-sentenza mogħtija fil-11 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmelo Cutajar** (Numru 104/2012)) u l-Qorti tinnota li d-difiża kienet ilha taf b'din is-sentenza sa minn tal-anqas id-19 ta' Lulju 2013 meta f'seduta miżmuma dakinhar quddiem l-Ewwel Qorti, id-difiża eżebiet numru ta' dokumenti, fost liema kien hemm proprju din is-sentenza tal-11 ta' Frar 2013 hawn fuq imsemmija (Dok. "RC 9" – *a fol.* 73 *et seq.*). Dan ifisser li mhux minnu li d-difiża saret taf biha wara!

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 23(13) ta' Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar l-Amministrazzjoni tax-Taxxa) jgħid hekk:

> "Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqas minn erba' euro (4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23) għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab ħatja:
>
> Iżda il-Kummissarju jista' jasal f'arranġamenti dwar reat taħt dan is-subartikolu u jista', qabel is-sentenza, iżomm jew jasal f'arranġamenti fuq proċedimenti taħt dan is-subartikolu:
>
> Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih." [emfażi miżjuda]

Illi jirriżulta b'mod ċar li r-reat ikkontemplat huwa wieħed permanenti u jibqa' hemm sakemm wieħed ikun daħħal il-formoli u ħallas dak li kellu jħallas. Dan il-kliem huwa assolut u l-fatt li fit-22 ta' Frar 2007 kien maħtur stralċjarju sabiex isir l-istralċ tas-soċjeta' Kidsline Limited ma jbiddel xejn minn dan. L-appellant jissottometti li minn dik id-data huwa ma seta' jagħmel xejn għaliex l-istralċjarju jkollu l-amministrazzjoni tas-soċjeta' f'idejh. Iżda l-liġi ma tagħmel ebda eċċezzjonijiet għaliex l-erarju jrid li dak kollu li hu dovut għalih jiġbru. Għalhekk il-kliem huwa daqshekk assolut biex ħadd ma jistaħba wara l-preskrizzjoni. Tant dan hu hekk li fl-aħħar żewġ paragrafi ta' Artikolu 23(12) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad hekk:

> "Iżda dawk ir-*records* kollha għandhom jinżammu għal żmien ta' mhux inqas minn disa' snin wara li jintemmu t-transazzjonijiet, atti jew operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu magħhom u dawn għandhom ikunu dejjem disponibbli sabiex jiġu eżaminati f'kull waqt tul dak iż-żmien.
>
> Iż-żmien ta' preskrizzjoni msemmi qabel m'għandu f'ebda każ jibda għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regola li ssir bis-saħħa tagħhom." [emfażi miżjuda]

Illi tidher biċ-ċar ir-rieda tal-leġislatur li ma jintilef ebda ħlas dovut minħabba l-preskrizzjoni. Tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, isegwi li s-sottomissjoni tal-appellant li fil-fehma tiegħu mill-ħatra tal-istralċjarju waqaf jissussisti t-tieni element li huwa jirreferi għalih fir-Rikors tiegħu mhijiex korretta.

Illi l-appellant irrefera għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 1960 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Spiteri**. Il-Qorti tinnota li din is-sentenza saret riferenza għaliha wkoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carlo Stivala** (Numru 190/2007) fejn il-Qorti inkludiet il-kummenti tal-Imħallef Ġużé Flores u applikathom għall-Artikolu 27 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud). Il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa evidenti li hawnhekk il-leġislatur qed jittutela u jipproteġi mhux l-interess li jiġu osservati t-termini fihom infushom, iżda l-finalita' tal-ġbir tat-taxxa li ma tistax tinġabar jew tinġabar sew jekk ma jkunx hemm id-denunzja. Fi kliem ieħor, u biex wieħed jieħu l-każ in diżamina, id-data tal-15 ta' April 2004 (u l-fatt li d-denunzja ma saritx *entro* dak it-terminu) ma kinitx twassal għal pregudizzju definittiv tal-interess tutelat mil-liġi, iżda kienet sempliċement indikattiva ta' meta beda n-nuqqas li jammonta għal reat. L-istat antiġiuridiku,

> konsistenti fin-nuqqas ta' denunzja b'mod li l-Kummissarju jiġi inċampat fil-ġbir sew tat-taxxa, jista' jiġi rimedjat b'att ta' volonta' tal-aġent, ċioè billi l-aġent effettivament jagħmel dik id-denunzja, anke jekk tardivament. [...]
>
> Mid-depożizzjoni ta' Paul Scicluna, mogħtija fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2007, jirriżulta li sal-lum, jew aħjar sat-28 ta' Ġunju ta' din is-sena, id-denunzja relattiva kienet għadha ma ntbagħtitx. Isegwi għalhekk li l-perjodu preskrittiv kien għadu ma bediex jiddekorri fit-28 ta' Ġunju 2007. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jiġi respint."

Illi jidher ċar li l-każ hawn fuq ikkwotat kien jittratta fuq denunzja li kellu ssir lid-direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Il-Qorti għamlitha ċara li jekk ma tkunx saret id-denunzja ma tibdiex għaddejja l-preskrizzjoni.

Għar-raġunijiet mogħtija u fid-dawl ta' din is-sentenza t'hawn fuq, il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-ewwel aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istess aggravju l-appellant irrefera għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Vella** mogħtija fil-25 ta' Frar 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Din il-Qorti tinnota li din is-sentenza ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali u fis-sentenza tagħha mogħtija fid-9 ta' Diċembru 2011 (Numru 142/2011), il-Qorti tal-Appell Kriminali nnutat li l-Avukat Ġenerali ssottometta s-segwenti:

> "[...I]l-Qorti tal-Maġistrati applikat l-Artikolu 688(e) tal-Kap. 9 b'mod żbaljat u dan għaliex fil-każ ta' reati permanenti bħal fil-każ odjern, se mai kellu japplika l-Artikolu 691(1) tal-Kap. 9 li jgħid espressament illi għar-reati permanenti, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma jibqax il-permanenza tar-reat. Illi inoltre l-

proviso tal-Artikolu 23(12) tal-Kap. 372 jispeċifika li ż-żmien tal-preskrizzjoni m'għandu qatt jibda għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu, filwaqt li l-proviso tal-Artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Illi dan essenzjalment ifisser li ma jkun hemm ebda preskrizzjoni kif ġie mfisser fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Avukat Dottor Albert Ganado' fejn il-Qorti rriteniet illi: *"Il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u* ***<u>għalhekk f'każ ta' reat permanenti m'hemmx preskrizzjoni</u>****."*"

Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija, din il-Qorti diversament preseduta ddeċidiet il-vertenza kif jidher hawn taħt:

> "Il-Qorti tirreleva pero' illi għal dan il-każ partikolari stante li si tratta ta' *lex specialis* għandhom japplikaw it-termini tal-istess liġi u l-proviso tal-Artikolu 23(12) tal-Kap. 372 jitkellem ċar u jispeċifika illi ż-żmien tal-preskrizzjoni m'għandu qatt jibqa' għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-dispożizzjonijiet tal-istess artikoli. Quindi direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni għal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibgħat ir-*returns* u d-dokumenti lill-istess Kummissarju u r-reati kontemplati fil-Kap. 372 għandhom jitqiesu ta' natura permanenti u jibqgħu hekk sakemm id-direttur jew il-persuna kkonċernata tottempra ruħha mal-liġi u tibgħat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."

Illi m'hemmx dubju li l-appellant kien direttur tas-soċjeta' Kidsline Limited għas-snin 2000 sa 2005 u ġialadarba dan ir-reat huwa ta' natura permanenti u din in-natura bl-ebda mod ma titbiddel meta nħatar l-istralċjarju, il-Qorti qed tiċħad ukoll din il-parti tal-aggravju dwar il-preskrizzjoni. B'hekk isegwi li l-Qorti qed tiċħad l-aggravju kollu dwar il-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar l-impossibilita' li huwa jottempra ruħu mal-liġi. Għandu jingħad li fis-sentenza li diġa' saret riferenza aktar 'il fuq u ċioè dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Vella** (Numru 142/2011), il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-impossibilita':

> "Fil-waqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiża ta' impossibilita' hija rikonoxxuta fis-sistema ġuridika tagħna, bħala regola ġenerali din id-difiża tista' tiġi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx poġġa ruħu volontarjament fl-impossibilta' fiżika illi jottempra ruħu mal-liġi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' *self inflicted impossibility* din id-difiża ma tistax treġġi.
>
> Il-proviso ta' l-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti "sakemm min jagħmel ir-reat . ..." Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta' tad-direttur jew min għandu fuqu r-responsabilita' illi jottempra ruħu mal-provvidimenti tal-Kap. fuq imsemmi 372 jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spiċċa minn direttur. Peress illi l-kliem "min jagħmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikulari ta' kariga rrespettivament jekk dak li jkun jkunx għadu direttur jew le. Jekk ma jkunx għadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilita' illi jottempra ruħu mal-liġi minħabba raġuni jew oħra. Jekk direttur jirriżenja fi żmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun għalaq il-bieb sabiex jottempra ruħu mal-liġi u fil-konfront tiegħu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tiegħu.
>
> Jekk minn naħa 'l oħra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapaċita' illi jottempra ruħu mal-liġi jew inkella kontra l-volonta' tiegħu jitneħħa minn direttur qabel ma

> jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tiegħu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni oħra u l-appellat ikun jista' jqajjem b'suċċess id-difiża ta' impossibilita'. Pero' din il-prova jrid iġibha l-appellat jew id-direttur konċernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabbilita' illi huwa kien fl-impossibilita' illi hu jaqdi d-doveri tiegħu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-appellat jew direttur jibqa' responsabli għal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taħt il-Kap. 372 huma reati permanenti."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li r-raġuni mogħtija hija li saret serqa mill-proprjeta' u ttieħdu d-dokumenti u l-kompjuters. Il-Qorti tinnota li l-atti proċesswali jikkontenju PIRS Report (Dok. "RC 7" – *a fol.* 63 *et seq.*) dwar serqa f'Marzu 2006 u li fih hemm li ġie rrappurtat li ġew misruqa żewġ kompjuters u *scanner* u fit-tieni paġna hemm miktub bl-idejn li kienet qed tinżamm Inkjesta Maġisterjali. Dan ir-rapport ġie ppreżentat mid-difiża flimkien ma' dokumenti oħra quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Lulju 2013. Il-Qorti tinnota wkoll li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti twalu ġmielhom minħabba diversi talbiet għal differimenti u din il-Qorti ma għandhiex dubju li d-difiza setgħet faċilment tressaq provi aħjar ta' din is-serqa! Apparti minn dan, il-Qorti ma tara xejn impossibbli li wieħed jagħmel rikostruzzjoni ta' l-ammonti ta' flus li kellu jingħata l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u liema dokumenti kellhom jiġu ppreżentati għaż-żmien msemmi fiċ-ċitazzjoni. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li jekk wieħed jibda bir-*records* mal-banek u mas-soċjeta' li Kidsline Limited kellha ħafna mix-xogħol kien ikun hemm bażi soda ta' kif kienu l-affarijiet.

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-fatt li ma jirriżultawx provi fil-proċess li l-appellant tkeċċa mid-diretturi l-oħra jew li kien tant marid li ma setax ikompli, b'hekk isegwi li l-Qorti qed tiċħad dan it-tieni aggravju wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant Philip Cutajar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**